# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | ĠUNJU 1941


## IVA, FIR-REBBIEGĦA

Fl-ewwel ktieb ta' "Il-Malti" ta' l-1929 dħalna bil-mistoqsija: "Il-lsien malti fir-Rebbiegħa?"

Wara li flejna s-sura ta' l-ilsna ta' ġnus oħra finnisel tagħhom, fil-ħajja tagħhom, u fil-frott li taw, jiġifieri l-letteraturi tagħhom, u flejna mbagħad il-lsien malti ma' tul mijiet u mijiet ta' snin ta' ħajja aktarx imġebbda u marrada, mħabba fin-nuqqas ta' ħsieb u ta' għajnuna, nuqqas ta' xemx li ssaħħanha, ta' ilma li jsaqqiha u l-aktar, imħabba fir-riħ kiesaħ li kien jolqotha, qalbna bħal ingħafset u stagħġibna kif dan il-lsien sata' jibqa' ħaj: u bħala tweġiba għall-mistoqsija ta' fuq, kemm kemm ma għaddiex il-ħsieb minn rasna: "Le, għadna fix-xitwa."

Iżda, meta flejna x'kien għadda mil-lsien malti bejn l-1800 u l-1929, u rajna kif qajla qajla tgħarblet u ssaffiet il-kelma maltija, kif inħadmet xi ftit il-grammatka, intiżnu s-setgħet li għandu u xirka wara xirka fettxew li jagħtuh alfabet li joqogħdlu sewwa, biex titwettaq l-ortografija tiegħu, u f'ħin wieħed rajna x'kien beda jsir fil-għalqa tal-letteratura, x'ward sabiħ fid-daqs, fil-lewn u fil-fwiħa kien beda jiftaħ, il-ħsieb tagħna ssaffa, u b'qalbna miftuħa għal tama sabiħa staqsejna: "Tgħid il-lsien malti qiegħed fir-rebbiegħa tiegħu?"

Issa, minn dak in-nhar għaddew tnax-il sena, tnax-il sena ta' ħeġġa, ta' ħidma mix-xjuħ u ż-żgħażagħ tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u miż-żgħażagħ tal-"Għaqda tal-Malti (Università)". Bħala rimja qawwija ta' "Il-Malti", ħareġ "Leħen il-Malti": proża mexxejja u sabiħa u poeżija mimlija bil-ħajja ta' l-għoxrin sena, fawru minn qlub għaqlija u ferrieħa; versi maltin inqalbu f'ilsna oħra u messhom tifħir li aħna ma konniex nistennew hekk sabiħ u qawwi; versi barranin mill-aqwa nqalbu fil-malti: seħħet ortografija waħda fil-kitba kollha li għandha għan irżin, u fuq kollox dehru novelli u rumanzi li joqogħdu tajjeb ma' ġenb dawk ta' letteraturi l-iżjed magħrufa.

Għaldaqstant, jekk fil-bidu ta' l-1929 stajna b'qalbna miftuħa għal tama sabiħa nistaqsu jekk il-lsien malti kienx fir-rebbiegħa tiegħu, illum nistgħu fil-ħaqq u fis-sewwa, mingħajr it-tara tal-mistoqsija, ngħidu: Iva, l-ilsien malti qiegħed fir-Rebbiegħa.